

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Diċembru 2007

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

(2007/821/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 62(2)(b)(i) u (ii), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagraphu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu u l-ewwel subparagraphu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

BILLI:

- (1) Il-Kummissjoni nnegozjat fisem il-Komunità Ewropea Ftehim mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi;
- (2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, fisem il-Komunità Ewropea, fit-18 ta' Settembru 2007, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, skond Deċiżjoni tal-Kunsill adottata fit-18 ta' Settembru 2007.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim, li jista' jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu. Huwa xieraq li tiġi kkontemplata proċedura semplifikata għall-istabbiliment tal-pożizzjoni Komunitarja f'dan il-każ-
- (5) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, u l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhumiex marbuta minnha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(6) Skond il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta minnha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika provduta fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim ⁽²⁾.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, assistita minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrapreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' esperti stabilit mill-Artikolu 12 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt ta' esperti dwar l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu skond l-Artikolu 12(4) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħturi mill-Kunsill.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
R. PEREIRA

⁽¹⁾ 4. Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2007 (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Ufficijali).

⁽²⁾ 5. Id-data tad-dħul fis-seħħi tal-Ftehim se tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Ufficijali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.